DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/759

tat-8 ta' Ġunju 2020

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/588 sabiex tinkludi l-użu ta' alternaturi ta' effiċjenza ta' 12-il Volt fil-karozzi tal-passiġġieri li kapaċi jaħdmu b'ċerti fjuwils alternattivi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO_2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Ottubru 2019, il-manifatturi ŠKODA AUTO, a.s, FORD-Werke GmbH, Groupe RENAULT, FCA Italy S.p. A., SEAT S.A., Volkswagen AG, Automobiles Citroen, Automobiles Peugeot, PSA Automobiles SA, OPEL Automobile GmbH ippreżentaw talba b'mod konġunt, kif previst fl-Artikolu 12a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 ([2]), biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/588 ([3]) sabiex l-approvazzjoni tat-teknoloġija innovattiva tiġi estiża biex tintuża fil-karozzi tal-passiġġieri li kapaċi jaħdmu b'ċerti fjuwils alternattivi.

(2) B'mod partikolari, l-applikanti talbu li, minħabba s-sehem dejjem jikber ta' karozzi tal-passiġġieri li kapaċi jaħdmu bil-gass likwifikat miż-żejt (LPG) jew bil-gass naturali kkompressat (CNG), il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/588 jenħtieġ li jkopri wkoll l-użu tal-alternaturi ta' effiċjenza ta' 12-il Volt f'dawn il-karozzi, u li xi fatturi fil-metodoloġija tal-ittestjar jenħtieġ li jiġu aġġustati kif xieraq.

(3) L-applikazzjoni ġiet ivvalutata skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/631, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011 kif ukoll il-Linji Gwida Tekniċi għat-tħejjija tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) (il-verżjoni ta' Lulju 2018) ([5]). Il-Kummissjoni ddeċidiet li t-talba hija ġustifikata fir-rigward ta' vetturi li jaħdmu bl-LPG u s-CNG u l-effiċjenza minima meħtieġa mill-alternatur ta' effiċjenza ta' 12-il Volt għall-użu f'vetturi bħal dawn jenħtieġ għalhekk li tiġi aġġustata biex jittieħed kont tal-użu ta' din it-teknoloġija innovattiva f'vetturi li kapaċi jaħdmu b'dawk il-fjuwils.

(4) Dan huwa xieraq u konsistenti wkoll ma' deċiżjonijiet oħra ta' approvazzjoni biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni għal vetturi li kapaċi jaħdmu bl-E85. Jenħtieġ li jiġi ċċarat b'mod partikolari fir-rigward ta' tali vetturi li minħabba d-disponibbiltà limitata ta' E85 fis-suq tal-Unjoni fl-intier tiegħu, mhuwiex xieraq li dan il-fjuwil jiġi distint mill-petrol sabiex jiġi ddeterminat l-iffrankar ta' CO_2 miksub mill-użu ta' alternatur ta' effiċjenza ta' 12-il Volt.

(5) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/588 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

([1]) ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 tal-25 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO_2 minn karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 194, 26.7.2011, p. 19).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/588 tal-14 ta' April 2016 dwar l-approvazzjoni tat-teknoloġija użata fl-alternaturi ta' effiċjenza għolja ta' 12 Volts bħala teknoloġija innovattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 101, 16.4.2016, p. 25).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO_2 minn vetturi ħfief (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1).

([5]) https://circabc.europa.eu/w/browse/f3927eae-29f8-4950-b3b3-d2e700598b52

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/588 hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'li ġej:

"(c) l-effiċjenza tiegħu tkun ta' mill-inqas:

(i) 73,8 % għall-vetturi li jaħdmu bil-petrol jew bl-E85 għajr dawk bit-turboċarġer;

(ii) 73,4 % għall-vetturi bit-turboċarġer li jaħdmu bil-petrol jew bl-E85;

(iii) 74,2 % għall-vetturi li jaħdmu bid-diżil;

(iv) 74,6 % għall-vetturi li jaħdmu bil-gass likwifikat miż-żejt (LPG) għajr dawk bit-turboċarġer;

(v) 74,1 % għall-vetturi bit-turboċarġer li jaħdmu bl-LPG;

(vi) 76,3 % għall-vetturi li jaħdmu bil-gass naturali kkompressat (CNG) għajr dawk bit-turboċarġer;

(vii) 75,7 % għall-vetturi bit-turboċarġer li jaħdmu bis-CNG."

(2) Fl-Artikolu 3, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. Meta t-teknoloġija innovattiva tiġi installata f'vettura bifjuwil jew fjuwil flessibbli, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tirreġistra l-iffrankar tas-CO_2 kif ġej:

(a) għall-vetturi bifjuwil li jużaw il-petrol u l-fjuwils gassużi, il-valur tal-iffrankar tas-CO_2 fir-rigward tal-LPG jew tas-CNG;

(b) għall-vetturi fjuwil flessibbli li jużaw il-petrol u l-E85, il-valur tal-iffrankar tas-CO_2 fir-rigward tal-petrol.

4. L-iffrankar tas-CO_2 irreġistrat skont ir-referenza għall-kodiċi tal-ekoinnovazzjoni Nru 17 jista' jitqies biss għall-kalkolu tal-emissjonijiet medji speċifiċi tal-manifatturi sas-sena kalendarja 2020 inklużа."

(3) Fl-Anness, it-Tabelli 2 u 3 huma sostitwiti b'li ġej:

"Tabella 2

Konsum tal-potenza effettiva

Tip ta' magna	Konsum tal-potenza effettiva (V_{pe}) [l/kWh]
Petrol/E85	0,264
Petrol/E85 Turbo	0,280
Diżil	0,220
LPG	0,342
LPG Turbo	0,363
	Konsum tal-potenza effettiva (V_{pe}) [m^3/kWh]
CNG (G20)	0,259
CNG (G20) Turbo	0,275

Tabella 3

Fattur tal-konverżjoni tal-fjuwil (CF)

Tip ta' fjuwil	Fattur tal-konverżjoni	
	[100 g CO_2/l]	[g CO_2/l]
Petrol/E85	23,3	2 330
Diżil	26,4	2 640
LPG	16,3	1 629
	[100 g CO_2/m^3]	[g CO_2/m^3]
CNG (G20)	18,0	1 795"

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN